# Temporale

VICTOR FENECH

Bis-saba' tal-kundanna l-poplu Ruman sallab/ħaraq l-ewwel Insara fi żmien imbiegħed. U l-erwieħ-martri telgħu kor tnejn tnejn – ħamiem abjad/ilsna nar – lejn il-premju mwiegħed. (U Neruni xeher għalxejn).

Illum minn Via Nazionale ġejt fuq il-Kolossew iswed bl-*exhaust*. Ix-xita siblet f'daqqa, tisrip/riefnu/ragħad ifaqqa' – f'dillierju deher dal-post! Fir-riċess ta' waħda mill-ħnejjiet tħarrket ħamiema bajdanija tistkenn mit-taqliba sajfija li ħakmet bla twissija.

It-tbarqim tagħha ma kienx għall-martri antiki bħal fossili fil-blat; pjuttost kien karba-sogħba għall-istat ta' tempju hekk grandjuż illum priġunier silenzjuż bejn mijiet ta' vetturi ġgammjati – bħal swaba' ta' kundanna – iqaħqħu l-karbon monossidu f'tarantella tal-fgati.

# Foresti-Xita

VICTOR FENECH

*Donor Scheme?* Agħtuni l-formula ħa nimlieha. Agħtuni t-tessera; fil-kartiera npoġġiha.

Hieni nħossni li ma' mewti jista' jgawdi ħolqien ieħor tingħatalu ħajja ġdida. Imma x'se nħalli lill-foresti-xita ta' l-Amażonja? Jewwilla mhumiex fil-bżonn bħal ħuti l-għomja?

Kif nista' naċċerta li l-orkidi u l-mossi u l-bromlijadi u l-mirjadi pjanti ta' l-arja jibqgħu jxettlu fis-sliem fil-ħelsien bħal m'għamlu tul sekli minn sbieħ il-ħolqien?

Kif nista' niżgura l-valzer kuluri ta' xtieli u fjuri, it-timbri jvarjaw t'eluf vuċijiet, il-ħsejjes misteru, is-skiet omniveru, il-leħen stramb- ħelu ta' xadini u żrinġijiet?

Kif nista' qatt nemmen li t-tliet mitt miljun speċi ta' insett se jkomplu jkattru mhux mittiefsa f'dan l-ambjent paċi perfett?

Jingħad madwar għoxrin fil-mija ta' pjanti/tjur dinjija jgħammru f'dal-foresti tropikali. U l-bniedem – ir-re tal-ħolqien kif dejjem kien – kuljum jgħarbel-jiġri-jħuf, siġar jisserra/sigħan jillivella bl-eluf, jibni-jimpala-jistagħna . . . u x'jimporta l-bidliet radikali fl-ambjent naturali? Evviva l-art tagħna!



# Qamar tal-Vikingi

CHARLES FLORES

Ja qamar tal-Vikingi,
fejn marru u ħbew l-imqadef
dawk l-imxajtna?
fit-terrapien
taż-żmien
u l-ilma kiesaħ ta' l-imgħoddi,
jew fil-masġar sfiq
fejn l-uċuħ mudlama jħarsu
lejk mill-għoli
bħal għefieret jiżfnu f'nofs it-triq?
Ja qamar tal-Vikingi,
għalfejn id-dgħajjes kbar maqbuda
f'ħalq ix-xmajjar
bħal donnhom papri ġwejda jistennew
il-piż ta' riġlek nieżel
fuq ġwinħajhom?
Aktar ma l-ilma jiksaħ u jiċċara
aktar tara
lili u lilek niflu l-ħofor f'wiċċna
u l-widien iterrqu
f'ġisem li ma jridx ħlief jitla' fuq id-dgħajsa
ħa ssalpa 'l hinn mid-dħaħen
ta' filgħodu,
flimkien infittxu dawk l-imqadef
li darba ħbew il-Vikingi.

# Pakkett Nru. 49

CHARLES FLORES

Illum imqartas fil-karta mlewna
tal-bieraħ.
Dal-ħin miftum fil-għafsa ta' siegħa
ilu.
Dal-waqt mikdud mis-seħer tal-ħolma
li kellek bil-lejl.
Daż-żmien li twejt pulit
fuq il-mejda tal-mogħdija.